MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Avviz Numru. 2/2009

**Aplan Limited**

**Vs**

**Valentino Cassar u Roberta Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat mill-kumpannija attrici prezentat fit-28 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu qeghda tippretendi minghand il-konvenuti s-somma ta' sitt elef sitt mija u tlieta u sebghin euro u centezmu (€6,673.01), bilanc ta' prezz ta' merkanzija li nbieghet u giet konsenjata lill-konvenuti, liema ammont ghadhom ma hallsux.

Rat li hadd mill-konvenuti ma pprezentat ricevuta sal-gurnata tas-smiegh tal-kawza.

Semghet lill-konvenuti jaghtu x-xhieda taghhom fis-seduta tal-lum. Ghalkemm il-konvenuti ghaddejjin minn kawza ta' separazzjoni, m'hemmx dubju li rrizulta li d-dejn jolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-mobbli li nxtraw (kcina u appliances) minghand il-kumpannija attrici nxtraw bil-kunsens tal-konvenuti ghad-dar matrimonjali. Inoltre nxtraw f'perjodu meta l-konvenuti kienu qeghdin ighixu flimkien u sahansitra l-konvenut kien akkumpanja lill-konvenuta biex jinxtraw l-oggetti Il-fatt li l-kambjala setghu gew iffirmati biss mill-konvenuta, ma jfissirx b'daqshekk li hi biss responsabbli ghad-dejn.

Il-konvenuti kkonfermaw li huma debituri tal-kumpannija attrici, pero l-konvenuta spjegat kif fl-ammont pretiz hemm inkluz hlas li sar fil-5 ta' Dicembru 2005 fi flus kontanti ghas-somma ta' €663.87. Dan fis-sens li s-socjeta attrici naqset milli tnaqqas din is-somma mill-ammont li qeghda tippretendi.

Mir-ricevuti mahruga mis-socjeta attrici u li pprezentat il-konvenuta jirrizulta li saru dawn il-hlasijiet:

29/11/2005……………………Lm1220 (depozitu fuq il-kcina Scavolini).
5/12/2005……………………..Lm285
5/1/2006………………………Lm285
27/2/2006……………………..Lm570
18/4/2006……………………..Lm285.

**Total…………………………..Lm2,645**.

Skond rendikont rilaxxat mill-kumpannija attrici datat 27 ta' Frar 2007 (Dok. RC2), jirrizulta li l-bilanc li kien dovut kien ta' **€6,219.43 (maqsum b'dan il-mod Lm1,705 + Lm965)**. Jidher li l-hlasijiet li kellhom isiru lill-kumpannija attrici kienu koperti b'kambjali li pero' ma gewx esebiti mis-socjeta attrici. Fil-fatt id-dokumenti li pprezentat il-konvenuta jinkludu kopja ta' dawk li jidhru li huma kambjali li mmaturaw fil-31 ta' Dicembru 2005 u ohra fil-31 ta' Jannar 2006. Mill-istess dokumenti jidher ukoll li l-kuntratt

ta’ hire-purchase dwar il-kcina (A/C code CR0195) sar fid-29 ta’ Novembru 2005.

Mir-rendikont mahrug mis-socjeta attrici fis-27 ta’ Frar 2007 (Dok. RC2) jirrizulta li l-pagamenti li kellhom isiru fuq il-kcina kienu mqassmin f’ghaxar pagamenti (9 ta’ Lm285 u l-ahhar pagament ta’ Lm280). L-ewwel pagament kellu jsir fil-31 ta’ Dicembru 2005 u mbaghad fl-ahhar jum ta’ kull xahar.

Il-konvenuta ma tikkontestax li s-somma dovuta lis-socjeta attrici kienet ta’ Lm3,810 (€8,874.91) kif jirrizulta mid-dokument RC2. Pero’ ssostni li fir-rigward ta’ dan id-dejn saru hames pagamenti ta’ Lm285 kull wiehed. Xehedet li mill-ammont dovut il-kumpannija attrici ma naqsitx is-somma ta’ Lm285 (€663.87) li thallset fi flus kontanti fil-5 ta’ Dicembru 2005 (ara ricevuta numru 64735). Ghalkemm ir-ricevuta tikkonferma li dan il-hlas sar, il-qorti ma tqiesx li hu verosimili li fil-5 ta’ Dicembru 2005 sar hlas ta’ l-iskadenza tal-31 ta’ Dicembru 2005. Il-konvenuta, fl-ebda stadju tad-deposizzjoni ma ddikjarat li kienet qeghda thallas qabel l-iskadenzi pattwiti mal-kumpannija attrici. Tant hu hekk li fil-bidu ta’ Jannar 2006 il-konvenuta ghamlet pagament permezz ta’ cekk tal-Bank of Valletta plc (numru 290) datat l-1 ta’ Jannar 2006 u l-kumpannija tatha r-ricevuta b’riferenza numru 236153 (numru li jaqbel man-numru li jidher fuq l-ewwel kambjala u li nghatat lura lill-konvenuta meta sar dan il-hlas). Dan ifisser li l-hlas li kien jirreferi ghall-ewwel skadenza (cjoe’ 31 ta’ Dicembru 2005). Mid-deposizzjoni tal-konvenuta ma jirrizultax li qatt ipprotestat mal-kumpannija attrici li kient imputat dan il-pagament ghall-ewwel skadenza.

Ghalhekk il-qorti, wara li semghet lill-konvenuta tixhed u rat ukoll id-dokumenti esebiti minnha, tqies li l-ammont li ghandhom ihallsu l-konvenuti lis-socjeta attrici hu fis-

somma ta’ sitt elef mitejn u dsatax-il euro u tlieta u erbghin centezmu (€6,219.43)[1].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt elef mitejn u dsatax-il euro u tlieta u erbghin centezmu (€6,219.43) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Dicembru 2006. Spejjez huma a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Lm1705 + Lm965 (ara **Dok. RC2**).